**26 Ġunju 2024**

**JUM L-OASI, Diskors f'isem il-Bord tad-Diretturi, Joseph Borg**

**X'pajjiż tixtieq tħalli lill-uliedek?**

Sinjuri, insellmilkom. Sħabi Diretturi, Noel u dawk kollha li jaħdmu hawn, residenti u l-klijenti preżenti u tal-passat, voluntiera, mistednin u ħbieb. Insellmilkom u nirringrazzjakom li qegħdin magħna hawn illum.

Il-Fundazzjoni Oasi llum, propju lllum, qed tagħlaq tlieta u tletin sena. Tlieta u tletin numru b'ħafna tifsiriet. Żmien mhux qasir, żmien il-maturita', żmien ta' konsolidament, imma fuq kollox żmien ukoll ta' riflessjoni.

Meta wieħed iħares lura, wieħed ikollu jikkonstata illi d-dinja tas-seklu l-ieħor kienet kompletament differenti, in-nazzjon tagħna kien kompletament differenti, u Għawdex tagħna m'għadux jingħaraf minn dak inhar. Sar ħafna progress imma mhux kollox qed iwassal għal kwalita' ta' ħajja aħjar, kemm bħala persuni individwali kif ukoll bħala kommunita, bħala gżira, bħala nazzjon.

Waqt li kont qed naħseb ftit dwar il-messaġġ li nixtieq inwassal il-lejla ftakart f'sentenza li kienet laqtitni ħafna, kważi tlett snin ilu. Il-gvern tal-ġurnata kien wasal biex iniedi konsultazzjoni dwar il-budget tal-2022 jiġifieri qed nitkellmu f'Settembru ta' tlett snin ilu u kien intitola d-dokument ta' konsultazzjoni b'mistoqsija verament importanti: "X'pajjiż tixtieq tħalli lil uliedek?" Dakinhar din il-mistoqsija kienet laqtitni ħafna, tant li tlett snin wara, bqajt niftakar fija. X'pajjiż tixtieq tħalli lil uliedek?

Għax fil-mument illi qegħdin niftakru fit-tlieta u tletin sena ħajja tal-Fondazzjoni OASI u qed nirriflettu fuq il-bidliet illi seħħew madwarna, fil-kommunitajiet tagħna, fil-gżira tagħna u fin-nazzjon tagħna, li nirriflettu fuq il-passat jibqa importanti, imma aktar importanti minn hekk huwa li nħarsu lejn il-ġejjieni u naraw kif ser nibnu futur li huwa aħjar mill-preżent li qed ngħixu llum. U din il-mistoqsija li semmejt għandha tgħinna immens biex infasslu futur li jagħmel unur u li jkun ta' ġieħ għall-ġenerazzjoni tagħna. X'pajjiż tixtieq tħalli lil uliedek?

Il-problemi marbuta mad-droga u kull forma oħra ta' addiction ilhom magħna ħafna aktar minn tlieta u tletin sena. Imma xi snin qabel fuq inizjattiva ta' Dun Manwel Cordina u bil-għajnuna wkoll tal-Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi, dehrilhom li kellhom jagħmlu xi ħaġa pożittiva biex jipprovdu għajnuna lil min sab ruħu mingħajr difiża quddiem dan is-saram. Tiġġieled kontra l-ħażen, tiġġieled kontra l-għadu. Imma llum il-pożizzjoni tas-soċjeta' tagħna mhi ċara xejn fuq il-problema tad-droga u addictions oħra. Jekk inġibu eżempji relatati mad-droga,

illum id-droga qegħdha fuq l-ixkaffa tas-supermarkets tagħna; id-droga tasallek bil-Bolt jew bil-Wolt; id-droga llum kemm tonfoħ bużżieqa f'party. L-għadu llum imlibbes ta' ħabib. Il-lupu mlibbes ta' ħaruf. Xejn m'hu xejn u kulħadd jista' jagħmel li jrid. Dan hu l-pajjiż li nixtiequ nħallu lill-uliedna?

L-OASI llum hija Fondazzjoni matura għaliex matul is-snin kienu impjegati magħha u ħadmu fija, persuni li fix-xogħol tagħhom taw ferm iktar milli mistenni. L-impjegati hawnhekk m'għandhomx dak li nsejjħulhom cushy jobs. L-impjegati hawnhekk jaħdmu b'dedikazzjoni liema bħalha għax jimxu b'sejħa qaddisa li jgħinu lill-ħaddieħor u għalhekk m'hemmx ħinijiet, m'hemmx limiti ta' sforz, m'hemmx tmiem għall-energija li joffru. Lill-dawn l-impjegati tal-preżent u tal-passat insellmilhom f'isimna lkoll. U magħhom insellem lill-dawk kollha fis-settur privat u impjegati tal-Istat li jaħdmu b'dedikazzjoni liema bħalha. Imma x'inhuma l-eżempji li aħna mdawwrin bijhom? X'għandna fuq in-naħa l-oħra tal-munita? Is-soċjeta' tagħna llum tagħtik opportunita' li taħdem u f'ċerti każi titħallas anke tajjeb mingħajr ma' tagħti kontribut kif suppost, mingħajr anqas biss tattendi s-siegħat kollha tax-xogħol, mingħajr ma tgħejja, mingħajr ma tiħabat. Dan hu l-pajjiż li nixtiequ nħallu lill-uliedna?

OASI llum hija Fondazzjoni b'saħħitha għaliex f'kull żmien tal-eżistenza tagħha ġiet sostnuta b'ħafna voluntiera li offrew ħinhom, saħħithom u l-enerġija tagħhom biex jagħtu sostenn lil dan l-għerq tal-ġid li hija l-Fondazzjoni. Ibda mid-diretturi tal-bidu, illum u matul il-ħajja tal-Fondazzjoni, li dejjem ikkontribwew b'mod diżinteressat. Numru bla qies ta' volontarji li f'kull żmien u ċertament anke llum, taw u qed jagħtu kontribut essenzjali u żammew u qed iżommu l-Fondazzjoni ħajja, fil-veru sens tal-kelma. Ejjew inżommu b'saħħtu dan is-sens ta' donazzjoni u gratuwita' li s'issa għadu ħaj fil-gżira tagħna. Ejjew ma nħallux il-marda li ma ngħamlu xejn għal xejn tgerrem l-għeruq tal-valuri tagħna. Ejjew ma nħallux ir-rebgħa għall-flus tikkankra lill-ħajja tagħna. Ejjew inkomplu nagħtu opportunita' lill-uliedna jiddedikaw lilhom infushom għal ġid ta' ħaddieħor, ejjew inkomplu nixtiequlhom l-akbar għana, għaliex meta tagħti b'imħabba lil ħaddieħor, inti tirċievi bil-bosta aktar, għax l-imħabba timmoltiplika ruħha meta inti taqsamha ma' ħaddieħor. Dan hu l-pajjiż li nixtiequ nħallu lill-uliedna.

Il-pajjiż li nixtiequ nħallu lil uliedna huwa l-art helwa fejn it-tfal tagħna jiġu protetti pożittivament, fejn b'liberta' sħiħa jistgħu jagħmlu l-għażliet tagħhom, art fejn it-tajjeb jibqa tajjeb u dak li hu ħażin jissejjaħ b'ismu, ħażin. Art fejn il-ħażin niġġildulu u mhux inħalluh jidħol fostna qisu ż-żiemel ta' Troia.

Il-pajjiż li nixtiequ nħallu lil uliedna huwa art ħelwa fejn kulħadd jaqla ħobżu bl-għaraq ta' xbinu. Fejn ix-xogħol huwa għal bniedem u mhux il-bniedem għax-xogħol. Art fejn l-etika titħaddan kemm minn min iħaddem u kemm minn min jaħdem. Art fejn min hu bieżel verament jiġi ppremjat.

Il-pajjiż li nixtiequ nħallu lil uliedna huwa l-art ħelwa fejn il-volontarjat jibqa' jiġi apprezzat, imħaddem u mgħejjun. Art fejn kulħadd jingħata opportunita' li jduq il-benna li wieħed jagħti ħinu, l-enerġija tiegħu u lilu nnifsu biex jgħin lill-ħaddieħor.

Fuq kollox din hija l-OASI. L-OASI hija dik ir-roqgħa mdella, fejn jiġri l-ilma ħaj. OASI hija dik il-familja li wieħed jista' jersaq lejjha fil-bżonnijiet tiegħu, fit-tbatijiet tiegħu, fil-weġgħat, fid-diffikutajiet. OASI hija dik l-art fejn wieħed jistkenn mill-għomma tal-ħajja, fejn il-miġrugħ jingħata l-fejqan, fejn l-imnikket jintraddlu lura l-ferħ.

OASI tista' tibqa dak li kienet fl-aħħar tlieta u tletin sena bil-għajnuna tagħkom ilkoll. L-għajnuna ta' kull min għadda minn hawn u tal-familji tagħhom, l-għajnuna tal-impjegati kollha u l-għajnuna tal-voluntiera kollha. Ħajr lill-Ministeru tal-Politika Soċjali u l-Ministeru għal Għawdex tal-għajnuna tagħhom. Nirringrazzja lill-Knisja f'Għawdex li mill-bidu nett appoġġjat u qed tappoġġja lil din il-Fondazzjoni u lill-Ecc. Tiegħu Anton Teuma tal-għajnuna personali li hu jagħti. Nirringrazzja lill-President ta' Malta Myriam Spiteri Debono li minn meta ingħatat din il-kariga diġa żaret lill-OASI darbtejn u ltaqgħet mar-residenti u wegħdet li ser tibqa tagħmel dan regolarment.

Jien dan nixtieq nawgura lilna nfusa il-lejla. J'Alla aħna, jien, u kull wieħed u kull waħda minnha, meta nirriflettu fuq il-kontribut personali tagħna, inħossu s-sodisfazzjon u l-paċi f'qalbna u nkunu kapaċi nistqarru, "Iva, jien se nħalli lill-uliedi pajjiż aħjar milli sibtu". Min naħa l-oħra, jekk jien sinċerament ma nħossx li dan hu il-każ, inwiegħed lill-uliedi u l-dawk kollha li nħobb li ser nagħmel ħilti kollha biex fiż-żmien li fadalli misluf lili, naħdem, niġġieled u nissara biex nibdel għall-aħjar id-dinja ta' madwari.

Dan hu l-awgurju tiegħi illum lili nnisi u lill-kull wieħed u waħda minnkom. J'Alla flimkien jirnexxielna nħallu warajna pajjiż li jixraq lill-uliedna. Grazzi lilkom ilkoll u nsellmilkom.